# *Ecclesia Sancti Georgii*
# Storja ta' knisja

*Andrew Gatt*

S'issa ma nafu bl-ebda dokument li juri bl-eżattezza l-bidu tal-kult lejn San Ġorġ Martri f'dan il-Ħaġar, illum ir-Rabat. Iżda mill-istorja nafu li wara l-waqgħa tal-Imperu Ruman fil-ħames seklu, il-Knisja Kristjana bikrija mmexxija mill-Imperatur Kostantinu u ommu Elena mxiet mil-Lvant għall-Punent tal-Ewropa.

Għalkemm dan il-perjodu hu mdallam ħafna, naħsbu li l-gżejjer tagħna ġew ikkonvertiti lura għall-Kristjaneżmu, li San Pawl kien nibbet fi gżiritna, qrib l-ewwel millenju, mill-Biżantini. F'dan il-perjodu l-isqof tal-gżejjer Maltin kien l-Isqalli Benedittin Dom Trajana. Kien f'dan iż-żmien li l-reliġjon Nisranija kibret meta xi patrijiet Biżantini kienu ġew Malta u bnew l-ewwel monasteri tagħhom (A. Vella). Hu possibbli li hawn xterdet ma' gżiritna l-qima lejn l-ewwel qaddisin, fosthom San Ġorġ.

Wara dawn tal-aħħar, ħakmu l-gżejjer tagħna l-Għarab u b'hekk bosta abitanti qalbu r-reliġjon tagħhom għal dik Musulmana. Iżda jidher illi dan seħħ iżjed f'Malta milli f'Għawdex. Dan nafuh minn ċensiment tas-seklu tlettax fejn jidher ċar li 55% tal-familji Għawdxin kienu għadhom iħaddnu r-reliġjon Nisranija. Din hija evidenza sostenibbli biex ngħidu li l-knisja ewlenija tar-Rabat, *Hagious Georgii*, baqgħet teżisti u tiffunzjona anki jekk b'mod iżjed kawt.

Mal-miġja tan-Normanni bla dubju r-reliġjon tagħna reġgħet iffjorixxiet u b'hekk id-devozzjoni lejn San Ġorġ reġgħet issaħħet. Din id-devozzjoni kompliet teskala mal-miġja ta' l-Aragoniżi fuq l-Anġuvini fis-seklu ħdax.



L-eqdem dokumenti li jsemmu l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ imorru lura lejn nofs is-seklu ħmistax, u dawn huma t-testmenti notarili, il-Viżti Pastorali tal-isqfijiet ta' Malta minn Sqallija, u r-Rollo ta' Senatore de Mello. Minnhom nistgħu ninsġu stampa ta' kif l-ewwel kappella (*succella*) iddedikata lill-Patrun tagħna evolviet għall-parroċċa tal-uniku abitat tal-gżira Għawdxija barra mill-Kastell fil-perjodu Medjevali.



Ma nstabet l-ebda pjanta tal-ewwel knisja ta' San Ġorġ fil-Ħaġar, iżda bla dubju għal komunità ċkejkna u fqira ta' dawk iż-żminijiet din kienet waħda żgħira u sempliċi. Aktarx kellha altar maġġur biss, probabbilment magħluq b'ikonostasi jew grada tal-injam fuq stil Grieg Biżantin. Xi storiċi jgħidu li l-faċċata tagħha kienet tħares fuq Strada Karità u li bħall-kappelli kollha, kellha ċimiterju anness mal-ġenb tagħha. Madankollu mhux ta' min jeskludi l-fatt li din setgħet kienet tħares lejn l-oppost tal-ewwel ipotesi, jiġifieri fuq Strada San Giorgio, triq li ħadet isimha minn dan il-qaddis. In-norma hi li t-triq jew pjazza quddiem knisja tieħu l-isem tal-istess qaddis li tkun iddedikata lilu l-istess knisja. Il-pjazza tal-lum kienet kontinwità ta' toroq dojoq u sqaqien bħall-kumplament taċ-ċentru storiku tar-Rabat.

**1450** – Il-Papa Nikol V jagħti lid-Djoċesi ta' Malta l-indulġenzi lill-Insara penitenti fis-sena tal-Ġublew 1450 minn San Pietru f'Ruma. Dawn l-indulġenzi setgħu jinkisbu meta wieħed kien iżur waħda minn lista ta' knejjes f'Malta u f'Għawdex. Fost erba' knejjes fir-Rabat tissemma dik ta' *Sancti Georgii* (*Documentary Sources of Maltese History* [DSMH], Vol. 4, p. 256).

**1480** – Fl-atti tan-nutar Andrea de Beniamin, is-sinjura Perna Gamichi, residenti fil-Kastell, tagħmel it-testment fuq is-sodda tal-mewt. Hi tħalli nofs salma art għall-bini u tiswija tal-*Ecclesie Sancti Georgii de Rabbato Gaudisii* (DSMH 5, p. 71).

**1506** – Fl-atti tan-nutar Gulielmus de Sanson, is-sinjur Joannes Andree Bonnichi, abitant fil-


mandavit non celebrari, nisi
portis ligneis, et servata forma ordinationum
Ecclae Rurales Insulae Gaulos
Eccla ruralis sub vocabulo S. Georgii sita in cta Gargaduf
in Saccaja, quae beneficium simplex est, qd Don Petrus
Thesaurarius Ecclae Cattis Meliten. obtinet, habet reddi-
annuos scutor. octo, quorum ratione celebrari tenetur
missam unam qualibet die Sabbati, cui oneri
dicto Don Petro satisfacit Don Antonius Tardi. Eccla prae-
habet Altare, sed caret portae ligneae et ornamentis.
mandavit sequestrari fructus donec fiat porta lignea
ornamento caret et fieri debet intra mensem, et inte-
in Eccla parochiali celebrari.
In ead. cta est alia Eccla sub vocabulo Annuntiationis



Kastell, minħabba l-instabbiltà ta' saħħtu, jagħmel it-testment tiegħu fis-sodda. Barra li jħalli nofs art lill-qassisin u l-kjeriċi li jġorru l-kunjom tal-familja tiegħu, hu jħalli biċċa art fil-Qortin tal-Qasba lill-*Ecclesie Sancti Georgii parrochiali Rabbati Gaudisii*. Dan bil-kundizzjoni li jsirulu l-funeral u d-difna fl-istess knisja. Bil-kumplament isir il-Quddies għal ruħu u tiswija lill-istess knisja (DSMH 5, p. 89).

**1531** – Fl-atti tan-nutar Petri Mannara, in-nobbli Federicus Saliva, abitant fil-Kastell, jistabbilixxi ġuspatronat fil-kappella ta' *Sancte Marie dila Consolationi*. Hawn jgħidilna li din tinsab fi sqaq tal-*Parrochialis Ecclesia Sancti Georgii* (DSMH 5, p. 109),

**1539** – Fit-testment tiegħu, Laurentius Bonanno jħalli l-benefiċċju fuq għalqa tiegħu fil-Qortin lil Don Laurentius Laczo sabiex dan jiċċelebra Quddiesa kull nhar ta' Sibt fil-knisja ta' Santa Katerina *coniuncta Ecclesia Sancti Georgii Rabbati Gaudisii* (DSMH 5, p. 121).

B'hekk nafu li biswit il-knisja ta' San Ġorġ (*coniuncta*) kien hemm kappella żgħira oħra ddedikata lil Santa Katerina. Meta suċċessivament il-knisja ta' San Ġorġ tkabbret, u ħadet post din il-kappella u xi djar privati, din il-qaddisa ngħatalha altar laterali li għadha tgawdi sal-lum.

Ta' min jinnota li San Ġorġ f'Għawdex ma kienx igawdi biss parroċċa fiċ-ċentru tar-Rabat, iżda kellu wkoll iddedikata għalih tal-inqas kappella fil-kampanja. Skont il-Viżta Appostolika ta' Mons. Pietru Dusina fl-1575, waħda mill-kappelli li żar kienet propju *Ecclesia ruralis sub vocabulo Sancti Georgij*. Din kienet tinsab fil-kuntrada ta' Għar Gerduf fis-Saqqajja, li llum iġġib l-istess isem, jiġifieri "il-Qasam ta' San Ġorġ". Dusina jgħidilna li din il-kappella kellha benefiċċju sempliċi li kien imur għall-Katidral ta' Malta bl-obbligu ta' Quddiesa kull nhar ta' Sibt. Il-kappella sabha fi stat ħażin. Għalkemm kellha altar, ma kellhiex ornamenti u lanqas bieb tal-injam. B'hekk ordna li fi żmien xahar jinġabru l-flus mill-frott, u jsirilha bieb minnufih.


# ACCOUNTS – O LEVEL TUITION

## In preparation for Matsec and Edexcel London 2015

Classes to be held once weekly, learning material to be provided and past examination papers are thoroughly covered. The course is also ideal for Business Studies students interested in sitting for these exams.



**Marilyn Grima** B.Com, B.Accty (Hons.), CPA

**21520612 / 21523358 / 99891202**